**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-Ġimgħa 2 ta' Settembru 2016**

**Appell Nru: 140/2016**

**Il-Pulizija**

**Spettur Frank Anthony Tabone**

**Vs**

**Russlan Cilia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra Russlan Cilia, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 53296G akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fid-29 ta' Lulju, 2015, għall-ħabta tad-21:30hrs fi Triq l-Imġarr, ix-Xewkija, Għawdex saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LAU456 tal-għamla Hyundai:

1. Mingħajr ma kelu liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Awtorità ta' Trasport ta' Malta;

2. U aktar talli saq il-vettura b'numru ta' reġistrazzjoni LAU456 tal-għamla Hyundai mingħajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta' dwar ir-riskji għat-terzi persuni.

Il-Qorti giet miltuba li f'każ ta' ħtija timpedixxi milli jkollu jew jottjeni l-liċenzja tas-sewqan għall-perjodu li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq.

**2.** Rat is-sentenza tal-1 ta' Marzu, 2016 tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha dik il-Qorti filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni peress li ma rrizultatx, sabitu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u wara li rat l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, kkundannatu għall-perjodu ta' tliet (3) xhur priġunerija effettivi u skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal tmient (8) ijiem li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' l-għada tas-sentenza.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Russlan Cilia ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Marzu, 2016, li bih talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata u dan billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u in kwantu sabitu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u tvarja l-piena nflitta għall-ewwel imputazzjoni billi tneħħi t-terminu ta' tlett xhur priġunerija effettivi imposti u minflok timponi l-piena ta' multa jew inkella ordni taħt l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, liema piena skont l-appellant tkun fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ aktar ekwa u ġusta.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha; semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti tal-każ in kwantu relevanti għal dan l-appell, li huwa biss dwar il-piena, jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fid-29 ta' Lulju 2015 għall-ħabta tad-9.30 pm l-appellant ġie mwaqqaf mill-pulizija fi Triq l-Imġarr, Xewkija filwaqt li kien isuq vettura Hyundai numru LAU456. Intalab jippreżenta l-liċenzja tas-sewqan tiegħu iżda l-appellant wieġeb li kienet id-dar u l-pulizija talbuh jeħodha l-għassa tal-pulizija fi żmien jumejn. Wara rriżulta li l-appellant ma kellux liċenzja tas-sewqan.

**6.** L-uniku aggravju tal-appellant jirrigwarda l-piena inflitta mill-ewwel Qorti peress li jirritjeni li piena ta' priġunerija effettiva fiċ-ċirkostanzi tal-każ hija waħda eċċessiva u sproporzjonata għall-aħħar speċjalment meta jittieħed qis tal-fatt li ġiet imposta l-piena massima ta' priġunerija. L-appellant inoltre jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li huwa *a first time offender,* għadu anqas għalaq l-età ta' għoxrin sena, jekk jintbagħat il-ħabs ser jispiċċa jaqbad it-triq tad-delinkwenza għaliex jispiċċa mdawwar b'persuni bi preċedenti penali ħafna aktar serji minn tiegħu.

**7.** L-appellant jallega diversi ċirkostanzi oħra li fil-fehma tiegħu jimmiliataw favur il-mitgazzjoni tal-piena, bħall-fatt li huwa kien qiegħed jieħu t-taħriġ sabiex iġib il-liċenzja, li ġab il-liċenzja ftit taż-żmien wara l-inċident, li dakinhar tal-inċident kien qiegħed jagħmel ftit prattika tas-sewqan taħt is-sorveljanza ta' missieru. Ma saret ebda prova, iżda ta' dawn l-allegati ċirkostanzi u għalhekk din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħhom anqas għall-finijiet tal-piena.

**8.** In materja ta' piena il-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti normalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa' fil-parametri tal-liġi u sakemm dik il-piena ma tkunx waħda manifestament eċċessiva jew ma jkunx hemm raġunijiet

serji oħra li minħabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti.

**9.** Sfortunatament, iżda, fil-verità ma sar ebda tip ta' apprezzament mill-ewwel Qorti għar-rigward tal-piena u għalhekk din il-Qorti ma hix f'pozizzjoni li tkun taf x'kienu r-raġunijiet li setgħu wasslu lill-ewwel Qorti tagħti l-piena li tat biex din il-Qorti tkun tista' tagħmel valutazzjoni tagħhom.

**10.** Il-Qorti ma trid b'ebda mod tnaqqas mill-gravità tal-aġir tar-rikorrent peress li s-sewqan mingħajr liċenzja, apparti li jimmanifesta disprezz lejn l-awtorità tal-liġi u tendenza lejn id-delinkwenza juri wkoll non kuranza lejn l-inkoluminità ta' pedoni fit-triq. Il-fatt li l-imputat irrikorra għall-aġir illegali tiegħu taħt is-sorveljanza ta' missieru ma jnaqqasx mill-gravità ta' għemilu iżda se mai jirrisalta l-aġir irresponsabbli ta' missieru.

**11.** Bdanakollu din il-Qorti, fin-nuqqas tar-raġunijiet li wasslu lill-ewwel Qorti tagħti l-piena li tat, hi tal-fehma illi li l-impożizzjoni ta' piena ta' priġunerija effettiva massima prevista mill-liġi għal dan l-ewwel reat tal-appellant li dakinhar tar-reat kien għad għandu l-età ta' tmintax-il sena toltrepassa bil-bosta l-piena li solitament tiġi imposta f'ċirkostanzi simili għal reat ta' din ix-xorta. Din il-Qorti ma ssib ebda raġuni għaliex ma għandhiex tagħti opportunità lill-appellant jifdi lilu nnifsu quddiem il-liġi u s-soċjetà issa li għadu żagħżugħ u għadu fil-ħin li jirreagixxi billi jabbanduna t-triq ta' indifferenza lejn il-legalità li faċilment twasslu għar-rovina.

**12.** Din il-Qorti hi tal-fehma li ordni skont l-artikolu 22 tal-Kap 446 tkun aktar effettiva mill-multa maħsuba fl-artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta anki għaliex il-multa hemm maħsuba hi piuttost baxxa u ma tagħti ebda marġini ta' minimu u massimu li fih din il-Qorti tkun tista'

tirregola ruħha skont iċ-ċirkostanzi. Il-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-imputat, ma jkunx spedjenti li l-Qorti timponi piena u li ordni xort'oħra taħt il-Kap 446 ma tkunx adatta.

**13.** Għat-tenur tal-artikolu 22(3) tal-Kap 446 il-Qorti qiegħdha tfisser lill-imputat appellant Russlan Cilia bi kliem li jiftiehem li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' sena li ser jissemma aktar tard f'din is-sentenza huwa jkun jista jingħata sentenza għar-reat li tiegħu nstab ħati f'dawn il-proċeduri.

Għall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant Russlan Cilia għall-perjodu ta' tliet (3) xhur priġunerija effettivi u minflok tillibera lill-istess appellant bla ħsara għall-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat matul il-perjodu ta' sena mid-data ta' dan l-ordni, u tikkonfermha fil-bqija.

Iż-żmien ta' tmint (8) ijiem ta' skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan imsemmi fis-sentenza appellata jibda jiddekorri minn nofsilejl u minuta ta' għada.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur